San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 31 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**it-Tnejn 19 ta' Awissu 2013 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
Triq San Pawl,San Pawl il-Bahar,SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Sindku |
| Alexander Bezzina | Vici Sindku |
| Graziella Galea | Kunsilliera |
| Raymond Tabone | Kunsillier |
| Peter Abela | Kunsillier |
| Anne Fenech | Kunsillera |
| Daniel Grima | Kunsillier |
| Jane Chircop | Kunsilliera |
| Oliver Mallia | Kunsillier |
| Jason Camilleri | Kunsillier |
| Mandy Buhagiar | Kunsilliera |
| Robert Piscopo | Kunsillier |
| Frans Chircop | Segr. Eżekuttiv |

**Skuzat/a:-**
John Bray,

**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgha.**

***Qari u approvazzjoni tal-minuti.***

Il-minuti tal-laqgha precedenti numru 30 ittiehdu bhala moqrija u korretti peress li gew cirkulati minn qabel. Ingibdet l-attenzjoni li f'pagna tnejn kellu jidhol l-isem ta' Anne Fenech minflok kunsillier Daniel Grima. Is- Sur Ray Tabone talab biex terga' tohrog it-tender tal-Garaxx biex jintuza bhala Gym ghad-diversi ghaqdiet sportivi fil-lokalita. Wara li gie mistoqsij jekk hemm'x aktar *arising out,* il-minuti gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u mis-segretarju Ezekuttiv.

**Approvazzjoni tal-iskeda tal-hlasijiet u quarterly reports.**

Giet approvata l-iskeda tal-hlasijiet, inkluz l-iskeda addizzjonali li giet mizjuda peress li dahlu izjed kontijiet wara l-iskeda li kienet intbghatet lill kunsilliera qabel il-laqgha. Gie prezentat ukoll il-quarterly report li jkopri minn April sa Gunju 2013. L-approvazzjoni saret wara li ttiehed vot b' Mario Salerno, Alex Bezzina,Raymond Tabone,MandyBuhagiar, Jason Camillleri, Jane Chircop u Oliver Mallia favur u Graziella Galea, Robert Piscopo, Anne Fenech u Daniel Grima astjenew. Il-Kunsillier Peter Abela kien ghadu ma' dahalx ghal-laqgha. Graziella Galea talbet spjegazzjoni aktar dettaljata tal-petty cash, is-Segretarju Ezekuttiv

Il-kunsillier Peter Abela dahal fil-laqgha 1845.
Il-kunsilliera Jane Chircop dahlet fil-laqgha 1850.

**Stqarrija tas-Sindku**

Nhar it-tnejn 19 ta' Awissu , 2013

1. Ringrazzjament lil Mr Carmel Hili
2. Merhba lil Kunsillier Oliver Mallia.
3. Ftit li xejn gew Kunsilliera fil-kunsill lokali matul l-aqwa tas-sajf. Madanakollu kellna volum qawwi u sfieq matul dan iz-zmien sajfi fosthom – patching f' hafna toroq u ffrankajna complaints minn sewwieqa bhalma kien jircievi l-kunsill fis-snin li ghaddew. Tlestiet Triq Gulju u giet tiswa' 205,000 ewros. Tlesta xi tiwija fuq xi mollijiet . inqatta' l-haxix selvagg u ghal ewwel darba konna kapaci li minflokk nuzaw l-erbicida , uzajna l-grass cutter . kienet esperjenza ghal Kunsill li minnha akwista taghrif ta' kif jaggixxi l-kuntrattur fil-qtugh fil-gejjieni. Fiz-zona rurali , nghata cans biex il-flora selvagg bhal busbiex jaghmel il-fjuri li ta cans lil nahal idakkar u dan serva wara s-saghtar biex in-nahal ikompli jahdem fl-gheqqel tas-sajf. Ghad hemm min ma jistax jifhem is-sostenn ekologiku fl-ekosistema naturali li ddawwar iz-zona rurali ta' pajjizna .
4. Fuq l-istqarrija li tajt l-ahhar li iltqajna , tajjeb li tkunu tafu li – l-parkegg mahluq mill-kunsill lokali sa minn hdejn il-Gillieru sal-pjazza ta' Bugibba fejn zdiedu fuq 70 parkegg jidher li gie accettat bhala spazju ghall-uzu tal-karrozzi li jiccaqalqu ta' spiss. Ma kienx hemm vetturi abbandunati bhalma hemm f' xi toroq , li l-kunsill qed jiehu hsiebhom skond il-poter li taghtih il-ligi. Ir-risponse tal-poplu huwa pozittiv li laqa' bil-qalb iz-zjieda ta' numru kbir ta' parkeggi godda hdejn il-promenade.

5. Xoghol tajjeb iehor li sar fuq l-Erbgha Mwiezeb fejn tnehha imbarrazz (tankijiet , geysers ,cookers) imwaddab taht il-hajt li kien tmermer u bl-ghajnuna tal-haddiema tal-gvern kif ukoll bl-inizjattiva tal-kunsill , irnexxielna noholqu parkeggi godda , inbidlu l-hajt u se jkun hemm tisbieh bi flora mal-ewwel xita tal-istagun. Xhieda ta' kemm kien investiment validu dan il-progett , huwa n-numru kbir ta' karrozzi li kienu ipparkjati fil-weekend li ghadda fejn gew nies minn bliet u rhula ohra sabiex jaraw il-karnival. Tajjeb li nsemmu li kien hemm permessi kollha f' posthom ghal dan il-works improvement li minn snin ilu kien hemm talba u l-approvazzjoni tal-maggoranza tal-kunsilliera biex dan isehh. Il-kontribut tal-kunsill kien importanti u nriedu nkunu ahna l-katalisti biex ingibu dawk il-bidliet necessarji minghajr ma niddejjqu xejn inkunu l-protagonisti tal-bidla. Dak li normalment kien jintefaq fil-passat fuq il-karnival , intefaq fuq holqien ta' parkeggi u nehhejna kull tip ta' inkonvenjenza f' din iz-zona. Nistghu ingibu xi sponsor ghal flora indigina f' dan il-gnien u nistieden lil Kunsilliera li jekk jafu b' xi hadd li jried jaghti jew jaghmel xi sponsorship fuq sigar jew inkella fuq street furniture bhal dustbins ma jiddejjqu xejn biex javvicinawhom . Dejjem ghal Housing Estate fl-Erbgha Mwiezeb se naghmlu l-pjan logistiku sabiex is-sena ddiehla l-progett li hu mwieghed mill-gvern centrali Laburista bil-koperazzjoni tal-kunsill lokali ssir rejalta. Ilu ma jsir xi haga hawnhekk matul dawn l-ahhar ghoxrin sena u r-residenti tal-housing estate jixirqilhom li jkollhom tisbieh bhalma ghandhom housing estates ohra ta' malta. l-akbar problema ta' dawn ir-residenti hija li kultant ikun hemm persuni li jmorru jipparkjaw fil-parti tal-housing estate li hija parti mill-footprint tar-residenti. Biex tkun eliminata din il-problema u din l-inkonvenjenza ghandha titpogga katiena biex il-parti privata tal-housing estate tintuza' ezklusivament mir-residenti li ghandhom it-titlu tal-btiehi li ddawwru l-blokkok taghhom. Dan id-dritt tar-residenti ghandu jkollu s-sapport tal-kunsill lokali.
6. L-issue tal- iskart tibqa' wkoll prijorita daqs il-prijorita tal-parkegg. Matul dawn l-ahhar granet , zdiedu hafna r-residenti li krew appartamenti u l-ammont tal-iskart zdied u anke l-abbuz tar-rimi bl-addocc zdied ukoll. Bis-sahha tal- Waste Watcher , il-kunsill akwista informazzjoni fuq rimi ta' skart wara li jsir il-gabra fil-ghodu mill-kuntratturi . Tajjeb li nsemmu l-ammont tal- kartun zdied hafna u l-haddiema tal-ETC qeghdin jaghmlu bicca xoghol tajjeb , fejn mit-tnejn sal –gimgha qed jigbru darbtejn kuljum il-kartun. Issa wkoll bdew jigbru minn toroq strategici boroz mitfugha wara l-hin tal-gabra u hu ikkalkulat li jigbru medja ta' 2 tunnellati wara nofs in-nhar. Dan ix-xoghol hu extra u jithallsu individwalment 500 ewro fix –xahar . Bis-sahha tal-waste watcher kienu identifikati xi boroz tal-iskart fuq il-promenade , fejn wasalna nitkellmu ma min kien ipoggi dawn il-boroz li gejjien minn stabilimenti kummercjali u li mil-gimgha li ghaddiet bdew jikru s-servizz privat biex l-iskart taghhom jingabar minn wara l-bieb tal-istabiliment taghhom.
7. Matul din is-sena , kellna kuntatti minn individwi li jriedu jbidlu l-forma tal-kiosk taghhom . bhala progress wiehed ghandu jinkoraggixi li dawn il-gabbani jkunu bi stil li jikkumplimenta lil kosta marittima. Tajjeb li nghidu li l-lands department illha qed tikri bicciet ta' artijiet lil individwi fejn wiehed seta' jara' zvillupp li sar fi Frar ,2013 quddiem il- Waterpark hdejn ix-xifer tal-kosta. Dan beda jopera u jidher li qabad gmielu. Ahna nistghu dejjem naghtu opinjoni ta' kif nixtiequ li tkun il-gabbana imma d-dritta fuq l-art tibqa' tal-lands department. Harget ukoll il-kirja fuq il-latrina li se nifthu dalwaqt . l-istess latrina se jkollha l-ufficju li se jkun mghammar

minn persuna tal-MTA li ma skrivana tal-kunsill ikunu jistghu jrendu servizz validizmu lil turisti u lil residenti li jehtiegu s-servizz.

8. Il-karnival sar . bhala Kunsill lokali ma nfaqna xejn. Kien sponsorjat u dak li ffrankajna minnu stajna nonfquh fuq holqien ta' parkegg. Nahseb li l-folla kbira li attendiet kif ukoll is-success fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita hija prova li l-karnival fis-sajf gewwa Bugibba/ Qawra jitnizel fil-kalendarju tal-kunsill lokali . Din l-attivita li ghandha portata nazzjonali tikkumplimenta l-attivitajiet li esperjenzejna f' kull gimgha matul is-sajf fil-pjazza ta' Bugibba li tibqa' l-pulmun tar-rikrejazzjoni ghall-kommunita . nixtieq nirringrazzja lil On Jose Herrera Segretarju Parlamenti tal-kunsilli lokali u tal-kultura u lil On Karmenu Vella il-ministru tat-turizmu li bis-sahha taghhom il-karnival kien success li jhalli effett pozitiv fuq it-turizmu tal-inhawi.
9. Matul il-laqghat mal-lukandiera fejn intkom dejjem tistghu tattendu , tajjeb li tkunu tafu li hemm interess qawwi ghal twaqqif ta' skola tal-qaws u tal-golf . naturalment , il-kunsill jixpruna l-inizjattiva sabiex il-privat jinvesti u jmexxi huwa. Fejn jidhol il-gid , ghandna nharsu l-quddiem u nkomplu nibbuttaw l-idejat .
10. Dan l-ahhar kellna laqgha mal-izvilluppatur tal-lukanda San Antonio li se jinvesti 25 miljun biex ikabbru l-lukanda b' 200 kamra ohra fejn jistghu jakkomodaw 1000 turist. Jiena personalment favur l-izvillupp imma nriedu Niehdu Hsieb l-inhawi sabiex ikun hemm impatti inqas negattivi u jittiehdu l-mizuri mehtiega biex jimmitigaw dawn l-impatti. F' din il-laqgha konsultattiva hadu sehem kull settur tal-gvern , TM , il-pulizija , MHRA u Grtu .
11. Fil-jiem li gejjien se niltaqghu mal-kuntrattur Bonnici li kien hemm ftehim fuq l-PPP 2 u mal-perit. Ghaddew kwazi sentejn minn mindu kellu jkompli xi xogholijiet. Jekk il-problema ma tkunx rizolta inriedu naraw x'passi ohra jezistu ? Nispera li naslu .
12. Il- progett taht il-EARDF li jikkoncerna t-turizmu , inriedu l-permess minghand id-direttur tal-kunsilli lokali sabiex jingiebu 5 flok 2 visual screens. Kulhadd jiftakar kemm kellu jghaddi minn taht idejn dan il-progett . ukoll taht din il-mizura , nistghu napplikaw ghal progett fl-ambitu tal- local action group tal-majjistral. Jiena qed nipproponi li lil Kunsill lokali ta' san pawl il-bahar lil Kunsillier oliver mallia jkun ir-raprezentant taghna fil-group tal-majjistral. Hawn nistghu naghmlu progett kulturali li jgib il-valur mizjud turistiku fil-lokalita taghna. Hemm fondi ghal dan il-progett.
13. Dan l-ahhar TM avzatna li ma jistghux jinhargu reserved parking personalizzati. Tiskanta l' ghageb , l-istess TM sa lejliet l-elezzjoni generali baqghet tohrog dawn il-parking bays personalizzati minghajr il-permessi lil min riedet hi. Ukoll fil-progett ta' hdejn il-Wignacourt , jista' forsi xi hadd jispjegali mill-kunsill lokali ta' qabel , ta' kif tbiddlu d-disinn li ghamlu l-MTA u kif materjal uzat qed jintrefa' bil-konsegwenza li jista' jwegga' xi hadd. Nixtieq inkun naf kif ittiehdu decisjonijiet fejn min kellu garaxx gie ibbarjat fih waqt li ohrajn saritilhom rampa tal-konkos biex idahhal l-karozza meta l-istess alignment tal-bankina seta ' ingibed dritt u kien isolvi problemi aktar milli holoq l-istess progett. Issa taht dan il-programm , kien hemm xi flus imwarrba li bihom nistghu nirristawraw il-gunpost ta' hdejn it-toilets tas-sirens. Dejjem hdejn is-sirens , xi hadd wahhal sinjali minghajr il-permessi fejn jistghu jidhlu vetturi awtorizati. Sa fejn naf jiena , campers biss mhux awtorizzati . Kien hemm diversi complaints ukoll fuq xi gelatier li qala' u caqlaq il-bankijiet tal-kunsill biex ipoggi aktar mwejjed u siggijiet. Sadanitant ix-xoghol ta' kafkaf li kien sar fuq il-kontrabejt tal-latrina tas-sirens baqa' ma giex spjegat la mill-perit u l-anqas minn xi Kunsillier li esperjenzaw il-kostruzzjoni ta' din il-latrina tas-Sirens. Fil-gimghat li

gejjien hdejn din il-latrina se jkun hemm xoghol ta' restawrar fuq il-gunpost , li hdejha nistghu inziedu erba' parkeggi u ghadna nistennew l-approvazzjoni minn TM biex Triq San Geraldu tkun one –way bil-maqlub. Dejjem fuq il-parkeggi , il-kunsill ghandu jitlob spjegazzjoni minn TM wara li tqajjmu complaints minn residenti li joqghodu fil-Qawra ghax parkeggi ghal karrozzi inzebghu sofor biex ikunu ntuzati minn karrozzi tal-linja . il-kunsill inqabez u nitlob lis-segretarju ezekuttiv biex jitlob spjegazzjoni fuq liema kriterju tnaqqas il-parkegg fejn l-art pubblika inghatat lis-settur privat biex tintuza' ghal skop kummercjali. Nahseb li nriedu nipprotegu l-art pubblika u nriedu nwaqqfu d-drawwa li art pubblika tinghata lil privat bil-konsegwenza li jiftaqar is-sostenn socjali .

14. Fil-qasam tal-hlas lil kuntratturi li jaghmlu xi xogholijiet jew jaghtu servizzi lil Kunsill , inriedu naghmluha cara li l-kuntratturi jibghatulna l-invoices kull xahar u fil-hin , fejn sfortunatament ghad hemm min jibghat il-kont kull sitt xhur. Inriedu nzommu l-punt taghna li jintbghatu kull xahar . B' hekk inkunu aktar kapaci nikkontrollaw in-nefqa finanzjarja kull xahar.
15. Dan l-ahhar Katja Fenech marret tahdem fir-rahal twellidha mal-kunsill lokali . fix-xahar li gej maria vella sejra full time taghmel il-masters u se jkun hemm zewg postijiet battala. Ghalhekk nifthu talba biex naraw kif ingiebu skrivana li hija intiza mal-accounts. Barra impjieg ta' skrivana se jkollna reklutagg ta' works monitor li huwa tant mehtieg specjalment jekk ikollna aktar haddiema mislufin minn skemi bhal ipsl w ohrajn. Nipproponi li ghal bord tal-adjudikazzjoni ikun hemm Mandy Buhagiar , Peter Abela , Raymond Tabone , John Bray , Jane Chircop , jiena u l-vici sindku Alex Bezzina.
16. Matul dawn l-ahhar xahrejn , ix-xoghol fuq il-latrini tmexxa sewwa l-quddiem , ix-xoghol fuq is-slipways kellna nwaqqfuh minhabba l-istagun turistiku imma l-akbar ugiegh ta' ras fuq Triq Gulju issa giet risolta. Il-vera ghandna triq ezemplari u giet sabiha.
17. Billi ghad hemm toroq li qatt ma saru , nitlob lis-segretarju sabiex jikteb lil Mr James Picsopo kopja lil On Ministru Joe Mizzi tat- TM biex jifthu Triq it-Tamar li bil-ftuh taghha inziedu l-parkegg , inkomplu nuzaw plots u ghelieqi imma nriedu nimxu kaz kaz , insebhu u nnadfu fil-qalba tal-Qawra hdejn il-bini tal- ex Go . inriedu niftakru li hafna lukandi fil-Qawra ilhom ma jkollhom xi manteniment ghal snin u inriedu nifhmu li fix-xhur li gejjien se jkunu hafna sidien tal-lukandi li jiehdu l-inizjattiva biex jghollu l-istandards tal-lukandi b' diversi mezzi fosthom xi tiswijiet ta' kostruzzjoni , w ghalhekk iried il-gvern jiftah toroq li s' issa huma ostakoli u qeghdin jimblukkaw it-traffiku. Nitlob li l-perit tal-kunsill li huwa responsabli mit-traffiku jghaddi fil-granet li gejjien proposta fuq liema toroq jistghu jinfethu specjalment hdejn il-knisja tal- Qawra . intant naraw ukoll kif nistghu noholqu parkegg ghal park and ride biex residenti li jigu ghal xi avvenimenti jew ghal xi ftit hin , jistghu juzaw dan is-servizz . nitlobl li nibdew nahdmu b' mod immedjat fuq din sabiex nibdew dan is-servizz fix-xitwa.
18. Fil-qasam tal- edukazzjoni , se jsiru sensiela ta' korsijiet differenti fix-xhur skolastici wara l-hin tal-iskola. Fil-progett tal-ESF , kien hemm xi tibdil fil-project manager u issa bit-tluq ta' Marija Vella se jkollna lil Gloria Debono li se tmexxi dan il-progett.
19. Fil-qasam socjali , ghalkemm il-bzonnijiet tal-lokalita fejn jidhlu l-NGOs huma kbar , il-kunsill jibqa' kommess biex jghinhom b'diversi metodi ghaliex dawn qeghdin jaghtu kontribut kbir lis-socjeta taghna. Naturalment , inriedu nahdmu biex ikollna

servizzi socjali godda bhal poliklinik u ghalhekk nindirizzaw lid-dipartimenti koncernati fuq dawn l-issues.

20. Triq it-turisti – pavement improvement maz-zebra crossing.

Wara l-istqarrija giet approvata unanimament.

**Hatra tal-bord tal-aggudikazzjoni.**

Is-Sindku talab lill dawk prezenti biex ikunu parti mill-bord tal-aggudikazzjoni Ghaldaqstant gew proponuti li ghall bord tal-aggudikazzjno tat-tender biex jintghazel il-works monitor ikun hemm Peter Abela, Mandy Buhagiar, Jane Chircop, Mario Salerno u Raymond Tabone u John Bray. Il-bord tal-aggudikazzjoni ghandu jirrakkomanda l-ghazla tieghu u ghaldaqstant ghandu jiltaqghu fl-20 t'Awissu 2013.

**Tender tal-Bankini.**

Billi t-tender tal-bankini kienet ghada mhux deciza minhabba li kien hemm l-appell min-naha tad-Dimbros kontra dak li ntghazel mill-Kunsill Leli Pisani, giet mressqa l-proposta li t-tender tinghata lit-tnejn li huma bi ftehim li wiehed jiehu hsieb mill-Kunsill lejn ix-Xemxija u Leli Pisani mill-Kunsill lejn il-bqija tal-Konfini. Is-Sindku talab ghall-approvazzjoni ta' din il-proposta u kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti. Ghaldaqstant is-segretarju ghandu jitlob linja gwida mid-dipartiment fuq din id-decizjoni u nkellmu lill Avukat tal-Kunsill halli jipprepara l-kuntratt appena jkollna risposta mid-dipartiment.

**Tibdil tal-bankijiet u tisbih tal-bandli.**

Peress li regghet ingibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-bandli li hemm f'Burmarrad u tal-Vecca fejn iz-zurzieqa kienet tnehhiet xi sentejn ilu ghax ma' kienetx konformi mar-regolamenti li jirregolaw l-istess bandli. Gie spjegat li ser jibda x-xoghol biex jittranga l-lakstu (safety carpet) ta' taht il-bandli u jitmexxa r-rokkers li hemm biex jigu fin-nofs tat-tapit. Ghandu jsir ix-xoghol ukoll fuq iz-zurzieqa ta' Burmarrad halli tinbidel u t-tapit tal-lakstu ta' taht. Il-bankijiet ghandhom jinbidlu peress li tnejn minnhom kienu gew vandalizzati.

**Tender tas-*Software.***

Is-Sindku Mario Salerno spjega li l-ghazla tat-tender tas-sistema tas-software ghall-uzu tal-Kunsill tmur ghall-kumpanija Lornit, li tefghet l-irhas tender bl-eqreb specifikazzjonijiet li gew mitluba. Kien hemm qbil unanimu biex din il-kumpanija twettaq ix-xoghol mehtieg skond it-tender.

**Car Free Day.**

Is-Sindku Mario Salerno spjega li bhall kull sena ssir gurnata Car Free u ghaldaqstant gie suggerit li Triq Gulju tkun wahda mit-toroq li tkun Car Free fl-okkazjoni. Dan sabiex in-nies isiru aktar konxji bit-tniggis tal-arja fl-uzu eccessiv tal-vetturi fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar.

**Xiri tat-tizjin tal-Milied**

Billi t-tender tat-tizjin tal-Milied ga giet approvata u l-Kunsill wasal biex jibda jahseb ghat-tizjin tal-Milied, tresqet il-proposta biex jinxtraw b' €5000 armar gdid. Dan l-armar ghandu jinxtara u jitwahhal flimkien mall-armar l-iehor li kien inxtara s-sena l-ohra fil-lokalita ta'San

Pawl il-Bahar. Ghaldaqstant is-segretarju intalab biex jibda l-process halli jinxtara dan l-armar halli jitwahhal fil-hin.

**Aggornament tax-xogholijiet tal-Kunsilliera**

**Mandy Buhagiar.**

Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar staqsiet ghaliex it-tindif mill akwarjum lejn Harmony Kiosk, in-naha tal-Bahar ghadu ma' sarx. Is-sindku spejga li ga kienu marru nies tal-Gvern inaddfu taht is-sigar pero kien hemm nuqqas ta' fethim u marru l-isfel – in-naha ta' Fraben u mhux bil-kontra. Ghaldaqstant huwa qal li ser jintalbu biex ikomplu n-naha l-ohra u jnaddfu that is-sigar. Is-Sindku ser jara li jkellem lill Ramon Dequara biex dan ix-xoghol isir. Mandy qalet li anke s-sigar ghandhom jinzabru ghax qed jghalqu l-veduta. Mario Salerno spejga li hemm jiehdu hsiebu n-nies tal-Gvern u ser jara jekk is-sigar humiex protetti.

Hija kompliet tghid li l-kuntrattur tal-knis bil-magna li qed juza' mhux dejjem qed ikun efffettiv ghax minhaba l-karozzi mhux qed jingabar kollox. Aktar attenzjoni lir-roundabout tal-Bir u tingibed l-attenzjoni lill kuntrattur tas-soft area fil-Qawra. Hija kompliet tghid li issa tlesta x-xoghol fuq id-*directional signs* ghas-siti storici fil-lokalita ta' San Pawl il-Bahar.

**Oliver Mallia.**

Il-Kunsillier Oliver Mallia talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex niccekjaw jekk il-polza tal-assigurazzjoni tkoprix insurance fuq il-propjeta privata stabbilimenti li ghandhom il-kunsilliera. Is-segretarju spjega li l-polza tal-assigurazzjoni tkopri lill kunsilliera u l-haddiema u mhux il-propjeta private tal-individwu. Wara li kien hemm diskussjoni zghira, sar il-qbil li tinkiteb ittra lid-dipartiment biex jghatuna linja gwida fuq din.

**Jane Chircop**

Il-kunsilliera Jane Chircop qalet li kienet inghatat kopja tac-cavetta tal-kamra f'Burmarrad fejn qed jinzammu l-hwejjeg halli jinghata lin-nies fil-bzonn. Hija kompliet tghid li l-progett irnexxa- tant li qed sahansitra jigu nies anke minn inhawi ohra ta' Malta biex juzaw dan is-servizz. Hija talbet ukoll biex temporanjament tehel kaxxa mall-genb tal-kamra biex in-nies ikunu jistghu jpoggu l-hwejjeg zejda. Il-Kunsilliera Jane Chircop qalet biex nibdew nahsbu ghal-lista ta' anzjani li jiehdu *l-injection* tal-influwenza.

**Anne Fenech**

Il-Kunsilliera Anne Fenech staqsiet biex il-palm f'Bugibba jinzabar u fi Triq Sant Antnin jirrangaw il-U bends li hemm mghawwga. Hija qalet ukoll biex issir pressjoni halli l-hwienet ikollhom kollettur privat taz-zibel li jiggeneraw huma stess.

**Graziella Galea.**

Hija talbet lill Kunsill biex jikkonsidra li tissemma triq lill Father Joe Cilia. Is-Sindku u Raymond Tabone gibdu l-attenzjoni li l-Kunsill irid ihalli sentejn minn meta jmut xi hadd biex ikun jista' jsemmi triq ghalih.

Graziella Galea qalet li fil-Karnival li gie organizzat fis-sajf mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar in-nies gergru li ma' seghux jaraw billi l-palk kien armat baxx u l-ammont ta' nies li kien hemm. Hija ssuggeriet li jsir palk fin-nofs fejn jisfnu. Hija kompliet tghid li fit-13 ta' Settembru ser tkun indisposta biex tigi ghal-laqgha, billi fis-27 ta' Settembru ser tkun il-boghod tissuggerixxi li d-decizjoni fuq ir-rakkomondazjoni tal-bord tal-aggudikazzjoni ssir f' laqa' b'urgenza.

**Peter Abela.**

Il-Kunsillier Peter Abela gibed l-attenzjoni li t-tribunal kien mghaluq il-gimgha kollha. Huwa talab u staqsa ghaliex l-iskeda tal-hlasijiet tat-tribunal mhux qed tigi cirkulata. Huwa qal ukoll li qed jinhargu citazzjonijiet bla raguni ta' xjen bhal meta tinghata citazzjoni fuq karozza li tkun ipparkjata bejn zewg kaxxi bojod u mhux il-barra. Huwa spjega li mhux suppost johorgu citazzjonijiet ta' dan it-tip ghax dawn il-linji huma biss indikattivi. Dan huwa abbuz u din il-pratika ghanda titwaqqaf immedjatament.

**Aggornament tal-laqgha.**

Il-laqgha spiccat fis-8.30pm u giet aggornata ghall nhar il-gimgha 27 ta' Settembru fil-5.30pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.

Mario Salerno
Sindku – Kunsill San Pawl il-Bahar.

Frans Chircop
Seg. Ezekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Bahar.